2. It-tieni motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni tal-Parlament dwar in-nuqqas li tittieħed nota tar-riżultati tal-elezzjoni tal-Parlament Ewropew tas-26 ta' Mejju 2019 li ġew iddikjarati uffiċjalment minn Spanja, u d-deċiżjoni sussegwenti li tittieħed nota ta' lista differenti u inkompleta ta' deputati eletti nnotifikata fis-17 ta' Ġunju 2019 mill-awtoritajiet Spanjoli, li ma tinkludix lir-rikorrenti, jiksru l-Artikolu 12 tal-Att Elettorali tal-1976 u l-Artikolu 3(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2018/937 ([1]), flimkien mal-Artikolu 39(2) tal-Karta, l-Artikolu 10(1) u (2) TUE, l-Artikolu 14(2) u (3) TUE u l-Artikolu 1(3) tal-Att Elettorali tal-1976.

3. It-tielet motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni tal-Parlament li qieset li l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni Elettorali Spanjola tal-20 ta' Ġunju 2019 iċċaħħad minn effett id-dikjarazzjoni tar-rikorrenti bħala deputati tal-Parlament eletti, ewkiparabbli għal dikjarazzjoni illegali ta' post vakanti li tikser l-Artikolu 13 tal-Att Elettorali tal-1976, attribwibbli lill-Parlament, tikser l-Artikoli 6(2), (8) u 13 tal-Att Elettorali tal-1976, flimkien mal-Artikolu 39(2) tal-Karta, l-Artikolu 10(1) u (2) TUE, l-Artikolu 14(2) u (3) TUE u l-Artikolu 1(3) tal-Att Elettorali tal-1976.

4. Ir-raba' motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni tal-Parlament dwar ir-rifjut li jiġi ggarantit, skont l-Artikolu 3(2) tar-Regoli ta' Proċedura, id-dritt lir-rikorrenti li jpoġġu fil-Parlament u fil-korpi tiegħu billi jgawdu d-drittijiet kollha marbuta magħhom b'effett mid-data tal-ewwel seduta u sakemm tingħata deċiżjoni dwar il-kontestazzjonijiet li tressqu kemm quddiem il-Parlament kif ukoll l-awtoritajiet ġudizzjarji ta' Spanja, tikser l-Artikolu 3(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew u l-Artikoli 5(1) u 12 tal-Att Elettorali tal-1976, flimkien mal-Artikolu 39(2) tal-Karta, l-Artikolu 10(1) u (2) TUE, l-Artikolu 14(2) u (3) TUE u l-Artikolu 1(3) tal-Att Elettorali tal-1976.

5. Il-ħames motiv huwa bbażat fuq l-allegazzjoni li d-deċiżjoni tal-President dwar ir-rifjut li jiġu kkonfermati l-privileġġi u l-immunitajiet tar-rikorrenti skont l-Artikolu 9 tal-Protokoll (Nru 7) fuq il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, tikser l-Artikolu 5(2) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Parlament Ewropew, l-Artikolu 6(2) tal-Att Elettorali tal-1976 u l-Artikolu 9 tal-imsemmi protokoll flimkien mal-Artikolu 39(2) tal-Karta, l-Artikolu 10(1) u (2) TUE, l-Artikolu 14(2) u (3) TUE u l-Artikolu 1(3) tal-Att Elettorali tal-1976.

---

([1]) Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew (UE) 2018/937 tat-28 ta' Ġunju 2018 li tistabbilixxi l-kompożizzjoni tal-Parlament Ewropew (ĠU L 165I, 2.7.2018, p. 1)

---

**Rikors ippreżentat fis-27 ta' Ġunju 2019 — Coppo Gavazzi vs Il-Parlament**

**(Kawża T-389/19)**

(2019/C 270/50)

*Lingwa tal-kawża: it-Taljan*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Maria Teresa Coppo Gavazzi (Milano, l-Italja) (rappreżentant: M. Merola, avukat)

*Konvenut:* Il-Parlament Ewropew

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

— tiddikjara ineżistenti jew tannulla b'mod sħiħ l-att li informa lir-rikorrenti, taħt il-forma tal-komunikazzjoni kkontestata tal-Parlament Ewropew li tiddetermina mill-ġdid id-drittijiet għall-pensjoni marbuta mal-waqfien tal-attività u li tordna l-irkupru tal-ammont imħallas abbażi tal-kalkolu tal-pensjoni preċedenti;

— tordna lill-Parlament Ewropew iħallas lura l-ammonti kollha miżmuma indebitament, flimkien mal-interessi bir-rata legali mid-data tat-tnaqqis imwettaq f'ras il-għajn, u tikkundanna lill-Parlament Ewropew jeżegwixxi s-sentenza li għandha tingħata u jadotta kull inizjattiva, att jew miżura neċessarja biex jiżgura r-rikostituzzjoni immedjata u sħiħa tal-portata inizjali tal-benefiċċju tal-pensjoni;

— tikkundanna lill-Parlament Ewropew għall-ispejjeż.

**Motivi u argumenti prinċipali**

Dan ir-rikors huwa dirett kontra l-att li bih il-Parlament Ewropew iddetermina mill-ġdid id-drittijiet tal-pensjoni marbuta mal-waqfien tal-attività tar-rikorrenti wara d-dħul fis-seħħ, fl-1 ta' Jannar 2019, tad-deliberazzjoni Nru 14/2018 tal-Ufficio di Presidenza della Camera dei Deputati (l-Uffiċċju tal-Presidenza tal-Kamra tad-Deputati, l-Italja) u ordna l-irkupru tal-ammont imħallas, ittrasferit abbażi tal-kalkolu preċedenti.

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka erba' motivi.

1. L-ewwel motiv ibbażat fuq in-nuqqas ta' kompetenza tal-awtur tal-att, fuq il-ksur tal-forom proċedurali u fuq il-ksur li jirriżulta minnu tal-Artikolu 41 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali.

   — F'dan ir-rigward huwa sostnut li l-komunikazzjoni tal-Parlament Ewropew hija illegali għaliex hija vvizzjata minn difetti serji u nuqqasijiet manifesti, prinċipalment ta' natura proċedurali u, b'mod partikolari, li d-deċiżjoni ġiet adottata mid-Direttorat Ġenerali tal-Finanzi u mhux mill-Uffiċċju tal-Presidenza tal-Parlament Ewropew konformement ma dak li jistabbilixxu l-Artikolu 11a(6), u l-Artikolu 25(3) tar-Regoli Interni tal-Parlament Ewropew. Il-komunikazzjoni hija totalment nieqsa minn motivazzjoni fir-rigward tar-raġunijiet għalfejn ġiet adottata u għalfejn hemm applikazzjoni awtomatika tad-deliberazzjoni Taljana.

2. It-tieni motiv ibbażat fuq nuqqas ta' bażi legali tal-att ikkontestat u fuq żball ta' liġi fl-interpretazzjoni tal-Artikolu 75 tal-miżuri ta' applikazzjoni tal-Istatut tal-membri tal-Parlament Ewropew

   — F'dan ir-rigward huwa sostnut li l-att ikkontestat jindika b'mod żbaljat kif il-bażi legali tal-Anness III tar-Regoli dwar il-ħlas tal-ispejjeż u l-allowances tal-Membri tal-Parlament Ewropew (iktar 'il quddiem ir-"Regoli SAM") u tal-Artikolu 75 tal-miżuri ta' applikazzjoni tal-Istatut tal-membri tal-Parlament Ewropew (iktar 'il quddiem ir-"MAS"). Is-sistema tal-benefiċċji tal-pensjoni prevista mir-Regoli SAM skadiet fl-14 ta' Lulju 2009 bid-dħul fis-seħħ tal-Istatut tal-membri tal-Parlament Ewropew. Fir-rigward tal-Artikolu 75 tal-MAS, li jirreferi għall-Anness III tar-Regoli SAM, dan ma jawtorizzax lill-Parlament Ewropew jadotta miżuri bħall-miżura kkontestata.

3. It-tielet motiv ibbażat fuq il-fatt li l-komunikazzjoni tikser b'mod ċar ir-riżerva ta' natura legali stabbilita fit-tieni paragrafu tal-Artikolu 75 tal-MAS, li tirreferi espressament għall-kundizzjonijiet previsti mil-leġiżlazzjoni nazzjonali, liema ħaġa teskludi r-rilevanza ta' deliberazzjonijiet interni tal-Kamra tad-Deputati ta' Stat Membru.

   — F'dan ir-rigward huwa sostnut li l-emendi previsti mid-deliberazzjoni Nru 14/2018 tal-Ufficio di Presidenza della Camera dei deputati (l-Uffiċċju tal-Presidenza tal-Kamra tad-Deputati, l-Italja) ma ġewx adottati permezz ta' liġi tal-Istat, iżda permezz ta' sempliċi deliberazzjoni tal-Uffiċċju tal-Presidenza tal-Kamra tad-Deputati.

4. Ir-raba' motiv, ibbażat fuq il-ksur manifest tal-prinċipji ġenerali tad-dritt Ewropew, bħall-prinċipju taċ-ċertezza legali, il-prinċipju tal-aspettattivi leġittimi u l-prinċipju tal-protezzjoni tad-drittijiet kweżiti, kif ukoll il-prinċipju tal-ugwaljanza.

   — F'dan ir-rigward huwa sostnut li d-deliberazzjoni kkontestata tikser b'mod serju l-aspettattivi li l-eks deputati setgħu ikollhom fin-natura fissa tad-drittijiet miksuba favurihom, kif ukoll lill-aspettattivi li joriġinaw abbażi tal-kuntest legali fis-seħħ fiż-żmien tal-mandat tagħhom. Barra minn hekk, jidher li t-tnaqqis kunsiderevoli fil-benefiċċju ekonomiku li kien jitħallas lill-eks deputati abbażi tal-leġiżlazzjoni fis-seħħ preċedentement ma huwa sostnut minn ebda motivazzjoni legali xierqa u lanqas minn xi rekwiżit imperattiv kif meħtieġ mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja u tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.